DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/426/PESK

tat-18 ta' Lulju 2011

li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Marzu 2009, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2009/181/PESK [1] li ħatret lis-Sur Valentin INZKO bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Bosnja u Ħerzegovina.

(2) Fil-11 ta' Awwissu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/442/PESK [2] li estendiet il-mandat tar-RSUE fil-Bosnja u Ħerzegovina sal-31 ta' Awwissu 2011.

(3) Is-Sur Peter SØRENSEN għandu jinħatar bħala r-RSUE fil-Bosnja u Ħerzegovina mill-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Ġunju 2015.

(4) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet li jistabbilixxu l-approċċ ġenerali tal-Unjoni għall-Bosnja u Ħerzegovina.

(5) L-Unjoni qiegħda ssaħħaħ aktar il-politika tagħha u l-preżenza tagħha fil-post permezz ta' rappreżentant rinforzat uniku tal-Unjoni li ser ikollu rwol ta' tmexxija fl-appoġġ għall-Bosnja u Ħerzegovina dwar materji relatati mal-Unjoni sabiex jappoġġa l-progress tal-pajjiż lejn l-integrazzjoni mal-Unjoni anke permezz ta' sett wiesa' u bbilanċjat ta' strumenti.

(6) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi implimentat f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea sabiex tkun żgurata l-konsistenza ma' attivitajiet rilevanti oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.

(7) Il-Kunsill jipprevedi li s-setgħat u l-awtoritajiet tar-RSUE u s-setgħat u l-awtoritajiet tal-Kap tal-Uffiċċju tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina ser jingħataw lill-istess persuna.

(8) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Is-Sur Peter SØRENSEN huwa b'dan maħtur Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH) mill-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Ġunju 2015. Il-mandat tar-RSUE jista' jintemm qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).

Artikolu 2

Objettivi ta' politika

Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettivi ta' politika li ġejjin tal-Unjoni fil-BiH: progress kontinwu fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, bil-għan ta' BiH stabbli, vijabbli, paċifiku u multietniku kif ukoll unit, li jikkoopera paċifikament mal-ġirien tiegħu u li jimxi irreversibbilment fit-triq lejn sħubija mal-Unjoni. L-Unjoni ser tkompli wkoll tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas Ġenerali għall-Paċi (GFAP) fil-BiH.

Artikolu 3

Mandat

Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' politika, il-mandat tar-RSUE għandu jkun li:

(a) joffri l-konsulenza tal-Unjoni u jiffaċilita l-proċess politiku;

(b) jiżgura l-konsistenza u l-koerenza tal-azzjoni tal-Unjoni;

(c) jiffaċilita l-progress fir-rigward tal-prijoritajiet politiċi, ekonomiċi u Ewropej;

(d) jissorvelja u jagħti pariri lill-awtoritajiet eżekuttivi u leġislattivi fil-livelli kollha tal-gvern fil-BiH u jżomm kollegament mal-awtoritajiet u l-partiti politiċi fil-BiH;

[1] ĠU L 67, 12.3.2009, p. 88.
[2] ĠU L 211, 12.8.2010, p. 26.

(e) jiżgura l-implimentazzjoni tal-isforzi tal-Unjoni fil-firxa sħiħa ta' attivitajiet fil-qasam tal-istat tad-dritt u fir-riforma tas-settur tas-sigurtà, jippromwovi l-koordinazzjoni ġenerali tal-Unjoni u jagħti direzzjoni politika lokali fir-rigward tal-isforzi tal-Unjoni fit-trattament tal-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni u, f'dan il-kuntest, jipprovdi lir-RGħ u lill-Kummisjoni b'valutazzjonijiet u pariri, kif meħtieġ;

(f) jipprovdi lill-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) bi gwida politika lokali; ir-RSUE u l-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandhom jikkonsultaw lil xulxin kif meħtieġ; jikkonsulta mal-Kap tal-EUPM qabel ma jieħu azzjoni politika li jista' jkollha impatt fuq il-pulizija u s-sitwazzjoni tas-sigurtà; jipprovdi appoġġ sabiex jiġi rinfurzat u jsir aktar effettiv l-ingranaġġ bejn is-sistema tal-ġustizzja kriminali u l-pulizija fil-BiH, b'kollegament mill-qrib mal-EUPM;

(g) mingħajr preġudizzju għal-linja ta' kmand militari, joffri lill-Kmandant tal-Forza tal-UE gwida politika dwar kwistjonijiet militari b'dimensjoni politika lokali, b'mod partikolari rigward operazzjonijiet sensittivi, relazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali u mal-mezzi tax-xandir lokali. Jikkonsulta mal-Kmandant tal-Forza tal-UE qabel ma jieħu azzjoni politika li jista' jkollha impatt fuq is-sitwazzjoni tas-sigurtà;

(h) jikkoordina u jimplimenta l-isforzi ta' komunikazzjoni tal-Unjoni rigward kwistjonijiet tal-Unjoni lejn il-pubbliku fil-BiH;

(i) jippromwovi l-proċess tal-integrazzjoni mal-Unjoni permezz ta' diplomazija pubblika mmirata u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni mfasslin biex jiżguraw intendiment u appoġġ usa' mill-pubbliku tal-BiH rigward materji relatati mal-Unjoni, anke permezz tal-involviment ta' atturi tas-soċjetà ċivili lokali;

(j) jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-BiH, f'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Linji Gwida tal-Unjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

(k) jokkupa ruħu mal-awtoritajiet rilevanti tal-BiH dwar il-kooperazzjoni sħiħa tagħhom mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY);

(l) f'konformità mal-proċess ta' integrazzjoni tal-Unjoni, jagħti pariri, jassisti, jiffaċilita u jissorvelja d-djalogu politiku dwar il-bidliet kostituzzjonali meħtieġa;

(m) iżomm kuntatti u konsultazzjonijiet mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli fil-BiH u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħrajn li jaħdmu fil-pajjiż;

(n) jipprovdi pariri lir-RGħ kif meħtieġ rigward persuni fiżiċi u ġuridiċi li fir-rigward tagħhom jistgħu jiġu imposti miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-BiH;

(o) mingħajr preġudizzju għal-linji ta' kmand applikabbli, jgħin biex jiġi żgurat li l-istrumenti kollha tal-Unjoni fuq il-post jiġu applikati b'mod koerenti biex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-Unjoni.

Artikolu 4

Implimentazzjoni tal-mandat

1. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-mandat waqt li jaġixxi taħt l-awtorità tar-RGħ.

2. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (il-KPS) għandu jżomm kollegament privileġġat mar-RSUE u għandu jkun il-punt primarju ta' kuntatt tar-RSUE mal-Kunsill. Il-KPS għandu jipprovdi gwida strateġika u direzzjoni politika lir-RSUE fil-qafas tal-mandat, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tar-RGħ.

3. Ir-RSUE għandu jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

Artikolu 5

Finanzjament

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012 għandu jkun ta' EUR 3 740 000.

2. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodi sussegwenti għar-RSUE fil-BiH għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.

3. In-nefqa għandha tiġi amministrata konformement mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Iċ-ċittadini tal-pajjiżi tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent għandhom ikunu permessi jitfgħu offerti għal kuntratti.

4. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun soġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. Ir-RSUE għandu jkun responsabbli lejn il-Kummissjoni għal kull nefqa.

Artikolu 6

Kostituzzjoni u kompożizzjoni tal-iskwadra

1. Għandu jiġi assenjat persunal ddedikat biex jassisti lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat tiegħu u biex jikkontribwixxi għall-koerenza, il-viżibbiltà u l-effikaċja tal-azzjoni tal-Unjoni fil-Bosnja u Ħerzegovina. Fil-limiti tal-mandat tiegħu u l-mezzi finanzjarji korrispondenti disponibbli, ir-RSUE għandu jkun responsabbli għat-twaqqif ta' skwadra. L-iskwadra għandha tinkludi membri li jkollhom il-konsulenza esperta dwar il-kwistjonijiet speċifiċi ta' politika meħtieġa mill-mandat. Ir-RSUE għandu jżomm lill-Kunsill u lill-Kummissjoni infurmati fil-pront dwar il-kompożizzjoni tal-iskwadra.

2. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u s-SEAE jistgħu jipproponu l-issekondar ta' persunal biex jaħdem mar-RSUE. Is-salarju ta' tali persunal issekondat għandu jkun kopert mill-Istat Membru, mill-istituzzjoni kkonċernata tal-Unjoni jew mis-SEAE, rispettivament. L-esperti ssekondati mill-Istati Membri għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew is-SEAE jistgħu wkoll jiġu assenjati lir-RSUE. Il-persunal internazzjonali b'kuntratt għandu jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru.

3. Il-persunal issekondat kollu għandu jibqa' taħt l-awtorità amministrattiva tal-Istat Membru, tal-istituzzjoni tal-Unjoni jew tas-SEAE, li jibagħtuh, u għandu jwettaq dmirijietu u jaġixxi fl-interess tal-mandat tar-RSUE.

Artikolu 7

Privileġġi u immunitajiet tar-RSUE u tal-persunal tiegħu

Il-privileġġi, immunitajiet u garanziji oħra meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla tfixkil tal-missjoni tar-RSUE u tal-membri tal-persunal tar-RSUE għandhom jiġu miftehmin mal-parti jew partijiet ospitanti, skont il-każ. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għal dan il-għan.

Artikolu 8

Sigurtà ta' informazzjoni klassifikata tal-UE

Ir-RSUE u l-membri tal-iskwadra tiegħu għandhom jirrispettaw il-prinċipji u l-istandards ta' sigurtà minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE ([1]).

Artikolu 9

Aċċess għal informazzjoni u appoġġ loġistiku

1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiżguraw li r-RSUE jingħata aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti.

2. Id-delegazzjonijiet tal-Unjoni u/jew l-Istati Membri, skont il-każ, għandhom jipprovdu appoġġ loġistiku fir-reġjun.

Artikolu 10

Sigurtà

Konformement mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà ta' persunal immobilizzat barra l-Unjoni f'kapaċità operazzjonali taħt it-Titolu V tat-Trattat, ir-RSUE għandu jieħu l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli, konformement mal-mandat tiegħu u s-sitwazzjoni tas-sigurtà fiż-żona ġeografika taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-sigurtà tal-persunal kollu taħt l-awtorità diretta tiegħu, b'mod partikolari billi:

(a) jistabbilixxi pjan ta' sigurtà speċifiku għall-missjoni, li jinkludi miżuri ta' sigurtà fiżiċi, organizzattivi u proċedurali speċifiċi għall-missjoni, li jirregolaw l-immaniġġar tal-moviment mingħajr periklu tal-persunal lejn, u ġewwa, iż-żona tal-missjoni, kif ukoll l-immaniġġar ta' inċidenti ta' sigurtà u li jinkludi pjan ta' kontinġenza u ta' evakwazzjoni tal-missjoni;

(b) jiżgura li l-persunal kollu skjerat barra mill-Unjoni jkun kopert b'assigurazzjoni ta' riskju għoli kif ikunu jeħtieġu l-kondizzjonijiet fiż-żona tal-missjoni;

(c) jiżgura li l-membri kollha tal-iskwadra tiegħu li jkunu ser jiġu mmobilizzati barra l-Unjoni, inkluż persunal ikkuntrattat lokalment, ikunu rċevew taħriġ adatt fir-rigward tas-sigurtà qabel jaslu fiż-żona tal-missjoni jew kif jaslu, abbażi tal-klassifikazzjonijiet tar-riskju assenjati liż-żona tal-missjoni.

(d) jiżgura li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha miftehmin, magħmula wara valutazzjonijiet regolari ta' sigurtà, u jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapporti bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom u dwar kwistjonijiet oħra ta' sigurtà fil-qafas tar-rapport intermedju u tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-mandat.

Artikolu 11

Rappurtar

Ir-RSUE għandu jipprovdi regolarment lill-KPS u lir-RGħ rapporti orali u bil-miktub. Ir-RSUE għandu wkoll jirrapporta, kif meħtieġ, lill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Għandhom jiġu ċċirkolati rapporti regolari bil-miktub permezz tan-netwerk COREU. Fuq ir-rakkomandazzjoni tal-KPS, ir-RSUE jista' jipprovdi rapporti lill-Kunsill għall-Affarijiet Barranin.

Artikolu 12

Koordinazzjoni

1. L-attivitajiet tar-RSUE għandhom jiġu kkoordinati ma' dawk tal-Kummissjoni, kif ukoll ma' dawk ta' Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea oħrajn attivi fir-reġjun, kif meħtieġ. Ir-RSUE għandu jipprovdi lill-missjonijiet tal-Istati Membri b'aġġornamenti regolari ta' informazzjoni.

Fuq il-post, għandu jinżamm kollegament mill-qrib mal-Kapijiet tal-Missjoni tal-Istati Membri. Huma għandhom jagħmlu mill-aħjar li jistgħu sabiex jassistu lir-RSUE fl-implimentazzjoni tal-mandat tiegħu. Ir-RSUE għandu wkoll iżomm kollegament ma' atturi internazzjonali u reġjonali fuq il-post, u b'mod partikolari jżomm koordinazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli fil-BiH.

2. B'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-Unjoni ta' maniġġar tal-kriżijiet, ir-RSUE, flimkien ma' atturi tal-Unjoni oħrajn preżenti fuq il-post, għandu jtejjeb id-disseminazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni minn dawk l-atturi tal-Unjoni bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' għarfien u valutazzjoni komuni tas-sitwazzjoni.

([1]) ĠU L 141, 27.5.2011, p. 17.

Artikolu 13

Reviżjoni

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħrajn mill-Unjoni għar-reġjun għandhom jiġu riveduti regolarment. Kull sena r-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapport ta' progress fl-aħħar ta' Diċembru u rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat fl-aħħar ta' Ġunju.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill
Il-President
C. ASHTON